REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 429/2010

tal-20 ta' Mejju 2010

li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet tal-oriġini protetti u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Pemento de Oímbra (IĠP)]

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 7(4), l-ewwel subparagrafu tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(2) u l-Artikolu 17(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, l-applikazzjoni ta' Spanja għar-reġistrazzjoni tad-denominazzjoni "Pemento de Oímbra" ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* [2].

(2) Ladarba l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda stqarrija ta' oġġezzjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, din id-denominazzjoni għandha tiġi rreġistrata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Id-denominazzjoni msemmija fl-Anness għal dan ir-Regolament b'dan hija rreġistrata.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Mejju 2010.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

[1] ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.
[2] ĠU C 223, 16.9.2009, p. 26.

ANNESS

Prodotti agrikoli maħsuba għall-konsum mill-bniedem elenkati fl-Anness I għat-Trattat:

Klassi 1.6. Frott, ħaxix u ċereali, friski jew ipproċessati

SPANJA

Pemento de Oímbra (IĠP)